# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr Vincent Galea M.A., LL.D.

### Seduta ta' nhar it-Tnejn 31 ta' Ottubru, 2016

**Talba Nru: 20/2016/VG**

**Condominium Services Limited [C-39139] bhala amministratur tal-condominium Mimosa Court**

**Vs**

**Carmine Di CICCIO [K.I. Nru. 320781A]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba mressqa mis-socjeta rikorrenti fid-19 ta' Jannar, 2016** u li permezz taghha talbet il-hlas, minghand l-intimat, tas-somma ta' elfejn sitt mija u tmenin euro [€2,680] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "Illi l-konvenut, li huwa sid ta' appartamenti numru 4, 7, 8 u 12 formanti parti mill-Condominium Mimosa Court, Triq Luigi Apap, San Giljan huwa debitur tas-socjeta attrici, fil-kwalita taghha premessa, fis-somma ta' elfejn sitt mija u tmenin Ewro (€2,680) rapprezentanti:

- In kwantu ghal €340 kontribuzzjoni tal-konvenut f'perjodi precedenti ghall-appartament numru 4
- In kwantu ghal €320 kontribuzzjoni tal-konvenut ghas-snin 2015/2016 ghall-appartament numru 4
- In kwantu ghal €390 kontribuzzjoni tal-konvenut f'perjodi precedenti ghall-appartament numru 7
- In kwantu ghal €320 kontribuzzjoni tal-konvenut ghas-snin 2015/2016 ghall-appartament numru 7
- In kwantu ghal €390 kontribuzzjoni tal-konvenut f'perjodi precedenti ghall-appartament numru 8
- In kwantu ghal €320 kontribuzzjoni tal-konvenut ghas-snin 2015/2016 ghall-appartament numru 8
- In kwantu ghal €280 kontribuzzjoni tal-konvenut f'perjodi precedenti ghall-appartament numru 12
- In kwantu ghal €320 kontribuzzjoni tal-konvenut ghas-snin 2015/2016 ghall-appartament numru 12

Il-kontribuzzjonijiet imsemmija huma kollha a bazi tad-decizjonijiet mehuda waqt il-laqghat tas-sidien tal-condominium Mimosa Court, Triq Luigi Apap, San Giljan. Il-konvenut gie interpellat bosta drabi sabiex ihallas izda baqa inadempjenti.

Bl-ispejjez, inkluz tal-ittra ufficjali datata 9 ta' Novembru 2015, u bl-interessi mid-data meta l-ammont pretiz kien dovut sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut illi minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni"

Ra li l-intimat gie debitament notifikat fl-4 ta' Mejju, 2016 izda minkejja li huwa nghata l-opportunita sabiex iressaq ir-risposta tieghu huwa baqa ma ghamel l-ebda risposta.

Ra l-verbal tas-6 ta' Ottubru, 2016 fejn it-Tribunal iddikjara l-provi tal-partijiet maghluqa u ddiferixxa t-Talba ghas-sentenza ghal-lum.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra;

1. Is-socjeta rikorrenti permezz tat-talba odjerna qeghda titlob il-hlas minghand l-intimat tas-somma ta' €2,680 rapprezentanti diversi hlasijiet dovuti mill-intimat ghal diversi snin ghar-rigward tal-appartamenti bin-numri 4, 7, 8 u 12 proprjeta tieghu u li jifformaw parti mill-Condominium ta' Mimosa Court, Triq Luigi Apap, San Giljan. L-intimat, minkejja li deher ghal xi seduti quddiem it-Tribunal u minkejja li huwa nghata l-opportunita sabiex iressaq ir-risposta tieghu baqa ma ressaq l-ebda risposta.

Ikkunsidra ulterjorment;

2. Mill-provi prodotti, senjatament ix-xhieda ta' Elizabeth Farrugia kif ukoll mid-dokumentazzjoni annessa mal-affidavit taghha, jirrizulta bic-car li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti minghand l-intimat huwa dovut. Apparti dan, l-intimat baqa qatt ma ressaq xi tip ta' difiza ghal din it-talba u meta deher qatt ma lissen xi kelma ghar-rigward ta' dak allegat mis-socjeta rikorrenti. Ghalhekk, wara li t-Tribunal ezamina d-dokumentazzjoni esebita u x-xhieda moghtija, huwa tal-fehma li s-socjeta rikorrenti rnexxielha tipprova l-kaz taghha u konsegwentement t-Talba taghha sejra tintlaqa.

3. Ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti u konsegwentement jikkundanna lill-intimat ihallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' elfejn sitt mija u tmenin euro [€2,680] bl-imghaxijiet legali jibdew jiddekorru minn kull data li kull ammont kien dovut sad-data tal-hlas effettiv.

   L-ispejjez kollha, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 9 ta' Novembru, 2015, jithallsu kollha mill-intimat.

**Vincent Galea M.A., LL.D.**
**Gudikatur**

**Mary Josette Musu**
**Deputat Registratur**